MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2013

Mandat Numru. 1586/2013/1

**Noel Gauci ID 17375M**
**Mary Rose Gauci ID 284176M**

***kontra***

**Tonio Zammit ID 104287M u Euromed Eco Power Co Ltd (C45201)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li r-rikorrenti pprezentaw fil-15 ta` Ottubru 2013 fejn, in kawtela ta` kreditu ghal €21,550 li r-rikorrenti jikkontendu li ghandhom kontra l-intimat Tonio Zammit, u in kwatela ta` kreditu iehor ghal €52,949 li jsostnu li ghandhom kontra Euromed Eco Power Co Ltd, talbu lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-intimati sabiex jinzammu –

*In kwantu ghal Tonio Zammit milli b`xi mod, fil-kapacita` tieghu ta` azzjonist jew direttur tal-kumpannija Euromed Eco Power Co Ltd (C45201) jiehu kwalsiasi azzjoni li b`xi mod johloq xi piz, obbligazzjoni jew b`xi mod iehor nuqqas fil-valur ta` l-ishma li huwa jiddetjeni fl-istess kumpannija, inkluz izda mhux limitat ghal :*

*1) bejgh jew kwalsiasi trasferiment ta` l-ishma illi huwa ghandu fil-kumpannija Euromed Eco Power Co Limited (C45201) ;*

*2) zieda jew tnaqqis fil-kapital tal-kumpannija Euromed Eco Power Co Limited (C45201) ;*

*3) holqien ta` xi obbligazzjoni jew piz, inkluz pledge, fuq l-ismha tal-kumpannija Euromed Eco Power Co Limited (C45201).*

*In kwantu ghall-kumpannija Euromed Eco Power Co Limited (C45201) milli b`xi mod hija tittrasferixxi taht kwalsiasi titolu jew forma jew b`xi mod tikkreja jew tohloq piz jew obbligazzjoni fiq kwalsiasi attiv jew "asset" tal-kumpannija jew b`xi mod iehor tidhol jew tikkonkludi xi "merger" jew "division" jew xi forma ta` management agreement ma` terzi.*

Rat id-digriet taghha tal-15 ta` Ottubru 2013 fejn il-Qorti laqghet t-talba tar-rikorrenti provizorjament, fejn ordnat in-notifika lill-intimati b`ghaxart (10) ijiem zmien ghar-risposta u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-Hamis 31 ta` Ottubru 2013 fit-8.30 a.m.

Rat ir-risposta li pprezentaw l-intimati fit-30 ta` Ottubru 2013 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu lill-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-mandat, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-31 ta` Ottubru 2013.

Semghet sottomissjonijiet mid-difensuri tal-partijiet.

Rat in-nota b`dokument li r-rikorrenti pprezentaw fil-31 ta` Ottubru 2013 kif kienu diretti jaghmlu mill-Qorti.

Rat id-digriet taghha moghti fl-imsemmija udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera*.

**Ikkunsidrat** :

Huwa evidenti – mhux biss mill-impostazzjoni tat-talba izda sahansitra mill-formola adoperata biex jipprezentaw ir-rikors – illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni abbazi tal-**Art 874(1) tal-Kap 12** li jaqra hekk –

*Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab* ***ukoll*** *minn kreditur biex jizgura dejn, jew kull pretensjoni ohra li tkun tammonta ghal mhux inqas minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu (€11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex izomm lid-debitur milli jbigh, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tigi indikata fir-rikors b'titolu oneruz jew gratuwitu jew b'xi mod johloq piz jew drittijiet reali u, jew personali; izda dak il-mandat ma jghoddx ghall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skond ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)

Jirrizulta li l-kreditu vantat mir-rikorrenti kontra l-intimati – kemm individwalment kif ukoll flimkien - jaqbez l-ammont ta` €11,646.86).

**<u>Mhuwiex</u>** il-kompitu ta` *din* il-Qorti illi tghid jekk il-pretensjoni tar-rikorrenti kif dedotta hijiex fondata nkella le **<u>fil-mertu</u>**. Dak l-accertament trid taghmlu *dik* il-Qorti li sejra tittratta *funditus* l-mertu tal-pretensjoni tar-rikorrenti.

Ir-rwol ta` din il-Qorti fi procediment specjali bhal dak tal-lum huwa limitat f`li tistabilixxi jekk ir-rikorrenti ghandhomx inkella le jedd *prima facie* kontra l-intimati. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza "**<u>Grech pro et noe vs Manfre</u>**" ir-rekwizit tal-*jedd prima facie* huwa *oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant ; jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Fil-kaz tal-lum, *din* il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti ghandhom jedd *mad-daqqa t`ghajn* li javvanzaw il-pretensjoni taghhom, kif huwa evidenti mir-rikors guramentat (<u>u dokumenti annessi</u>) li r-rikorrenti pprezentaw flimkien man-nota taghhom tal-31 ta` Ottubnru 2013, u li serva bhala kawzali lir-rikorrenti ghat-talba ghall-hrug tal-mandat. Jigi sottolineat illi l-fatt li talba ghall-hrug ta' l-mandat tintlaqa', m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Daqstant iehor lanqas ifisser illi l-fatt li talba ghall-hrug ta' l-mandat ma tintlaqax allura l-jedd pretiz ma jezistix. Issostni ghal darb`ohra li l-accertament shih tal-jedd trid taghmlu dik il-Qorti li sejra tiddeciedi l-mertu mhux *din*.

**Fir-risposta taghhom, l-intimati jghidu li minghajr il-hrug tal-mandat ir-rikorrenti mhumiex se jgarrbu pregudizzju rreparabbli u kwindi l-Qorti m`ghandhiex tordna l-hrug tal-mandat.**

**Din il-Qorti terga` tghid illi r-rikorrenti talbu l-hrug tal-mandat abbazi tal-<u>Art 874 tal-Kap 12</u>. Skond *dik* id-disposizzjoni, il-kriterju tal-*pregudizzju***

***rreparabbli* mhuwiex rekwizit ghall-hrug tal-mandat, u kwindi l-intimati ma jistghux igibu dik bhala konsiderazzjoni ghaliex it-talba ghall-hrug tal-mandat m`ghandhiex tintlaqa` minn din il-Qorti.**

L-intimati ma taw l-ebda indikazzjoni, **u wisq anqas prova**, ta` xi mod iehor kif ir-rikorrenti setghu jikkawtelaw b`mod effettiv il-pretensjoni taghhom.  Din il-Qorti tirrileva illi r-rikorrenti ghandhom kull jedd jikkawtelaw l-kreditu taghhom skond il-ligi, u bil-mod l-aktar idoneju u effettiv ghad-disposizzjoni taghhom.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma illi l-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni huwa gustifikat anke ghaliex it-talba tar-rikorrenti tinkwadra ruhha fl-ambitu ta` l-Art 874 tal-Kap 12.

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, il-Qorti qeghda :**

**1) Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti kif dedotta ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni kontra l-intimati.**

**2) Tordna n-notifika ta` dan id-digriet lir-Registratur tal-Kumpanniji.**

**3) Tordna lill-intimati sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment, inkluzi dawk tan-notifika lir-Registratur tal-Kumpanniji skond l-Art 874(6) tal-Kap 12.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------